DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: .............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**JUM FOST L-OĦRAJN**

*p.53 (F/M)*

## GĦASSA

### TOĦROĠ BARRA?

Toħroġ barra? Xi ħadd qallek li ma tistax, Sur Todd? Iżda pprova ifhem ftit: il-ħin għaddej. Din fuq kollox ma hix għajr kwistjoni ta' ħin, Sur Todd; hemm ċerti affarijiet li meħtieġa kemm huma meħtieġa, hemm bżonn li nissagrifikawhom fiċ-ċirkostanzi. M'għandix naħseb li tixtieq tasal tard għas-seduta. Taf kif imorru dawn l-affarijiet – ma jaqbillekx tħalli impressjoni ħażina. Qed tifhem xi rrid ngħid?

Sakemm tasal, sakemm joqogħdu jistennewk id-diretturi min jaf x'jibdew ifasslu f'moħħhom dwarek. Ma tafx kif jeħduha dawk - li forsi qed tibża', jew li għandek il-faħam miblul. Jekk ma jaħsbux ukoll li forsi qed tagħmilha apposta - biex turi nuqqas ta' rispett lejhom - biex tisfidahom!

Dak li jaħsbu, Sur Todd – li trid tisfidahom. U jekk jaħslu jwaħħlu xi ħaġa hekk f'moħħhom, b'xejn ma tneħħihielhom. Ibqa' ċert li bl-aħrax jeħduk imbagħad, u l-każ tiegħek ikun irrimedjabbilment mitluf. U dan ma tridux int, Sur Todd, mhux hekk?

Ej - ejja; mhux hekk, Sur Todd. Ftit tal-kuraġġ; ftit tal-irġulija, eh? M'intix ser titlef l-almu issa, eh? Ara ejja - aktar ma teħlisha malajr din l-affari, aħjar. Mur lura fuq. Anzi ara, ejja nwasslek biċċa triq jien. Imxi. *(188)*

PDF p.53

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** .............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.